MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 56/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 331069(M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn it-30 ta' Settembru, 2010 u t-28 ta' Ottubru, 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Mariosa Farrugia u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15- il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

## Is-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu ġimagħtejn detenzjoni.

## Ir-Rikors tal-Appell

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuża dedotta kontra tieghu u fin-nuqqas tagħti piena aktar ekwa u ġusta milli dik mogħtija mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

## L-Aggravji tal-Appellant.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Is-sistema li kienu jużaw il-partijiet, jigifieri l-appellant u l-mara tiegħu, kien li l-appellant jagħti l-manteniment lit-tifla tiegħu, fi flus kontanti, sabiex hi (it-tifla) tagħti l-flus kontanti lil ommha. Il-mara ta' l-appellant qatt ma tat irċevuta tal-flus li kienet irċeviet.

Illi huwa fatt magħruf li s-separazzjoni bejniethom hija waħda kombattuta. Il-mara ta' l-appellant xehdet li ma rċeviet xejn, filwaqt li l-appellant ammetta li ma kienx ħallas kollox, minħabba diffikultajiet finanzjarji u minħabba li hemm mandati ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, iżda ddikjara li ħallas tlitt mitt Euro (€300) u b'hekk hemm bilanċ ta' mitejn Euro (€200) x'jingħata.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-piena mhix ekwa u ġusta, meta m'hemmx kontestazzjoni li hemm problemi

finanzjarji kbar, b'terzi jagħmlu mandat ta' sekwestru kontra l-appellant. Il-fatt li l-appellant ammetta li ma ħallasx l-ammont kollu, iżda obbliga ruħu li se jipprova jħallas, m'għandux iwassal għal sentenza ta' detenzjoni, li tista` biss taggrava s-sitwazzjoni.

Semgħet il-provi mill-ġdid bil-ġurament.

Minn xi noti ppreżentati minn mart l-appellant jirriżulta li minn żmien għal żmien l-appellant għamel ħlasijiet ta' manteniment. Dan l-aħħar huwa bagħat ċekk ukoll iżda ma kienx hemm indikat għal liema ħlas dan intbagħat. Mix-xhieda ta' mart l-appellant jirriżulta li għal xi xhur kienet qed tagħtih irċevuta tal-ħlas li jkun sar. Fiż-żmien taċ-ċitazzjoni ma kienx għadu beda l-għoti tal-irċevuta.

Semgħet ukoll lill-appellant jixhed bil-ġurament u jagħti aktar dettalji dwar id-diffikultajiet li hemm.

Semgħet it-trattazzjoni tal-punti mqajmin mill-Prosekuzzjoni, mill-avukat għall-parti ċivili, u mill-avukat difensur. Il-punt ewlieni tas-sottomissjonijiet kien dwar punt ċivili – għalxiex għandhom jitqiesu li ngħataw ċerti flus.[1]

Issa waqt is-smigh tal-kawża l-appellant ta l-elf Ewro (€1000) dovuti lil martu (mertu taċ-ċitazzjoni) fil-preżenza tal-Qorti stess.

Il-Qrati tagħna dejjem qiesu, li meta l-leġislatur daħħal l-artikolu 338(z) fil-Kap 9, il-ħsieb ewlieni kien li l-manteniment jingħata lil min għandu jieħdu.

Għaldaqstant il-Qorti, ġaladarba sar il-ħlas effettiv, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2011 billi waqt li tikkonfermha fil-mertu, jiġifieri fis-sejbien tal-ħtija li l-appellant ma kienx ħallas il-manteniment fil-perjodu msemmi fiċ-ċitazzjoni, qed tbiddilha għal dak li hija piena u minflok detenzjoni ta' ġimagħtejn qed tikkundanna lill-appellant iħallas ammenda ta' €58.

[1] 1171(g) tal-Kap 16.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------